**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A62/11

2 ta' Settembru 2011

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/62**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir it-Tlieta 6 ta' Settembru **2011, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gżira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Diskussjoni u Approvazzjoni tar-risposta tal-*Management Letter*
6. Diskussjoni dwar id-Dar ta' l-Anzjani – ix-Xatt il-Gżira
7. Diskussjoni dwar Tiżjin tat-Toroq għall-festi tal-Milied
8. Diskussjoni dwar l-Ikla ta' nhar il-Milied għal min hu waħdu
9. *Update* ta' *Tenders - GLC002/2010 Mixed Household Waste –GLC003/2010 Public Private Partnership*
10. Ħatra ta' *ad hoc committee* għall-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet tas-sejħa għall-offerti GLC 006/2011 – *Upgrading of Kerbs and Pavements in Zone 1 – The Strand and Town Centre*.
11. Diskussjoni u approvazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' xiri ta' circular litter bins
12. Affarijiet oħra
13. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

12 t' Ottubru 2011

Ref Nru.Klg5/062

Minuti tal-laqgħa Nru Klg5/62 li saret it-Tlieta 6 ta'Settembru 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

**Preżenti**

Seba' membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Chris Bonett, l-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Ian Micallef, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-2 ta' Settembru 2011.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tal-laqgħa Klg5/62 tas-6 ta' Settembru 2011, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2** Il-Viċi-Sindku talab li f'paġna 4 para 3.3. wara s-sentenza li tispiċċa 'u ma jsib ebda oġġezzjoni' għandha tiżdied is-sentenza 'Meta l-Perit intalab iġib bil-miktub, dan informa li t-*Transport Malta* rrifjutat'.

Din l-emenda ġiet ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**1.3** Il-minuti kif emendati ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Grech.

**1.4** In vista tal-fatt, li r-resident ta' Nru: 231 Triq D'Argens, kien preżenti għall-laqgħa u l-korrispondenza mibgħuta minnu kienet ser tiġi trattata aktar tard fil-laqgħa, ċ-*Chairman* talab li tiġi sospiża l-*Agenda* sabiex jiddiskutu din il-materja.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsill ġie nfurmat bil-kontenut ta' l-*e-mails* li rċieva liema nformazzjoni, ġiet ikkonfermata mir-resident. Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li tintbagħat ittra lill-Periti Antoinette Conti u David Vassallo bħala l-Periti responsabbli fit-*Transport Malta*, l-Awtorita' li għamlet ix-xogħlijiet infrastrutturali fit-triq imsemmija u tinforma bis-segwenti:

Minkejja l-fatt, li x-xogħlijiet fi Triq D'Argens ma sarux mill-Kunsill Lokali iżda minn *Transport Malta (ex ADT)* li tagħhom intom kontu l-Periti responsabbli, l-Kunsill Lokali mhux dispost li jkompli jħalli din il-problema pendenti aktar u aktar meta fil-ġranet li ġejjin hemm imbassar l-maltemp u għalhekk, mingħajr ma l-Kunsill Lokali jidħol responsabbli għall-ebda ħsarat msemmija mis-Sur Montanaro, nkariga l-Perit tiegħu biex jiddeċiedi x-xogħlijiet rimedjali li jridu jsiru sabiex din il-problema tiġi ndirizzata u s-Sur Montanaro ma jkomplix isofri aktar danni.

Il-kuntrattur tal-Kunsill Lokali responsabbli minn xogħlijiet simili, ser ikun inkarigat jagħmel ix-xogħol neċessarju mill-aktar fis possibbli.

Ix-xogħol kollu ser isir a spjejjeż ta' *Transport Malta* u jiġi nkarigat l-Avukat tal-Kunsill sabiex jagħmel skrittura privata fejn mingħajr preġudizzju l-fatt, li l-Kunsill qed jagħmel dawn ix-xogħlijiet, ir-resident jirrinunzja għal kull pretenzzjoni ta' rifużjoni għall-ħsarat interni li setgħu ġew kawżati minħabba din is-sitwazzjoni.

Ir-residenti qabel mal-deċiżjonijiet tal-Kunsill u rringrazzjahom tad-disponibbilta tagħhom.

## 2. Materji Konnessi

**2.1 Paġna 3 para 2.4 -** Iċ-*Chairman* talab lis-Segretarju Eżekuttiv taġġorna dwar din il-materja.

Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien ta l-awtorizazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' jipproċedi kif deċiż fil-laqgħa preċedenti u hi nfurmat b'dan lid-ditta *Vodafone* li minn naħa tagħhom,

filwaqt li rringrazzjaw lill-Kunsill, kienu ser jagħmlu t-testijiet neċessarji u jinfurmaw bl-eżitu tagħhom b'kopji tal-korrispondenza kollha tagħhom liema korrispondenza kienet kkupjata lill-membri tal-Kunsill.

**2.2 Paġna Nru: 7 para 3.12** – Il-Viċi-Sindku nforma, li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv għan-nom tal-Kunsill kienu iltaqgħu mas-Sra Lanzon Probation Officer fejn a bazi ta' l-aċċettazzjoni tal-Kunsill, saret konoxxenza tal-persuna li ser tkun qed tagħmel *community work* darbtejn fil-ġimgħa għall-massimu ta' erbgħin siegħa.

**2.3 Paġna Nru: 7 para 3.15 –** Il-Kunsillier Anthony Abela, ġibed l-attenzjoni għall-fatt, li minkejja li l-permess mogħti mill-Kunsill ikopri biss is-*selling booths* l-operaturi kienu qed ipoġġu *stands* ta' reklamar ma' diversi siġar fix-Xatt u dan, kien qed jgħidu partikularment għall-*Oasis Tours* li sa fejn kien infurmat hu, lanqas għandu biss permess għas-*selling booth.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li kienet diġa' għamlet kuntatt magħhom biex jirregolizzaw il-pożizzjoni tagħhom iżda, mhux kollha aderixxew ma' dak mitlub minnhom u għalhekk kienet ser terġa' tagħmel kuntatt magħhom.

**2.4 Paġna Nru: 8 para – 3.9** – Iċ-*Chairman* talab lis-Segretarju Eżekuttiv taġġorna dwar din il-materja.

Il-Kunsill ġie nfurmat, li b'eżitu tad-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa preċedenti, saret laqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill il-Ġimgħa 26 t'Awwissu 2011, fejn għaliha attendew l-Inġinier Stephen Galea St. John u s-Sur Joe Gregoraci għan-nom tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma u s-Sindku Chris Bonett li ppreseda l-laqgħa flimkien mal-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Anthony Abela għan-nom tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet il-minuti.

Ingħata sommarju tal-laqgħa insegwitu ta' liema, l-Kunsill ried jiddeċiedi minn meta ser tkun il-*cut off year* tat-toroq li ser jiffurmaw parti mill-ftehim kif propost mill-*AKL* u *WSC* u għalhekk, ir-rimborż ikun ta' €50 għal kull ħsara u liema huma dawk it-toroq li kif propost mill-Kunsill, irid isir fihom tapit ta' tarmak wara li jsiru t-tiswijiet neċessarji. In vista tal-kordjalita' u l-ispirtu lejn soluzzjoni, l-Kunsill awtorizza li jsiru x-xogħlijiet li kienu għadhom pendenti fit-toroq Madonna tal-Ġebla, San Albert, Luqa Briffa, D'Argens, Flotta u Cameron, mill-Korporazzjoni sopracitata.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li l-*cut off year* tkun is-sena 2001 u s-Segretarju Eżekuttiv għandha fir-risposta, telenka l-lista tat-toroq li fihom il-Kunsill jesiġi li jsir it-tapit tat-tarmak.

**2.5 Paġna Nru: 8 para 3.18** – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-Kunsill kien irċieva lmenti dwar *loading/Unloading Bay* li saret riċentament mit-*Transport Malta* fi Triq Manoel de Vilhena quddiem *Camilleri Funerals*.

Matul id-diskussjoni li saret, fejn fost affarijiet oħra, ssemmew it-tabelli li hemm quddiem l-*Oġġetti Stationery*, il-Kunsillier Ian Micallef ippropona, li għandha tintbagħat ittra lit-*Transport Malta* sabiex il-Kunsill jilmenta l-għala ma kienx ikkonsultat kif inhu obbligatorju bil-liġi u tintalab laqgħa sabiex din is-sitwazzjoni tiġi ndirizzata, ċ-*Chairman* informa li hu kien tal-fehma, li ġa la darba din kienet deċiżjoni biss tat-*Transport Malta*, il-Kunsill għandu jikteb lir-residenti fejn jinfurmahom b'dan u jgħaddi kopja ta' l-ittra li rċevejna minn din l-Awtorita' sabiex kull min irid jilmenta għandu jagħmel dan, direttament magħhom.

Il-Kunsill fil-maġġoranza tiegħu, qabel ma' din il-proposta.

**2.6** Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jibgħat jinforma lit-*Transport Malta* sabiex il-*Loading/Unloading Bay* fi Triq ir-Rebħa tiġi emendata b'tali mod li tiġi mneħħijja l-ġurnata tas-Sibt.

**2.7 Paġna Nru: 9 para 4** Iċ-*Chairman* talab lis-Segretarju Eżekuttiv taġġorna dwar din il-materja.

Il-Kunsill ġie nfurmat, li kif dikjarat miċ-*Chairman* fl-aħħar laqgħa, a bazi tal-parir ta' l-*Accountant*, hu kien beda' jiffirondi l-ammont minn Awwissu 2011, liema rifużjoni tkun eżawrita fi żmien 4.38 xhur.

**2.8 Paġna Nru: 10 para 5.2.** – In segwitu tad-deċiżjoni meħuda, l-Kunsill kien ikkomunika mal-Perit Joe Bugeja li l-verifikazzjonijiet u ċ-ċertiifikazzjonijiet tiegħu għal xogħlijiet ta' toroq, jeskludu dak li għandu x'jaqsam max-xogħlijiet ta' l-ilma, minħabba li dawn jiġu vverifikati mill-ħaddiema tal-Korporazzjoni tal-ilma. Matul id-diskussjoni li saret, a bazi ta' l-*e-mail* tar-risposta mill-Perit u anke mir-*Road Servicing Ltd* li kienet oġġezzjonjat mal-Kunsill dwar il-*contract management fee*, fuq ix-xogħlijiet ta' l-ilma, il-Kunsill qabel unanimament, li għandha tintalab iċ-ċertifikazzjoni mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u dan sabiex il-Kunsill ikollu l-verifikazzjonijiet meħtieġa qabel ma jgħaddi l-ħlas u b'hekk, ikun kopert f'każ ta' ħsara u dan anke in vista tal-kummenti mressqa mill-Perit dwar min ser ikun responsabbli fl-eventwalita' li jiżviluppaw problemi f'bankini fejn ikunu għaddejjin servizzi ta' l-ilma mhux iċċertifikati minnu.

**2.9 Paġna Nru; 12 para 8.2**. – Il-Viċi Sindku nforma li minkejja li fl-ittra ta' l-aċċettazzjoni għal *GLC05/2011 – Tender for ReSurfacing works Housing Estate,* ix-xogħol kellu jibda fil-15 ta' Settembru 2011 minħabba l-fatt, li l-kuntratt intrebaħ mill-istess kuntrattur li hu responsabbli mit-toroq *Stuart* u *Ponsonby*, il-Perit tiegħu, fit-13 ta' Settembru 2011, talab estenzjoni ta' għaxar t'ijiem għar-raġuni, li matul dawn il-ġranet kienu ser

jitlestew il-bankini tat-toroq imsemmija u għalhekk, loġistikament ikun aktar vjabbli li l-makkinarju jinġieb fil-lokalita' u r-*resurfacing* taż-żewġ toroq u l-*Housing Estate* isiru f'daqqa.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2.10** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li *Transport Malta* kienet laqgħet il-proposta tal-Kunsill li Triq Emanuele Giordano tiġi *scarified* sabiex jitnaqqsu l-possibbiltajiet ta' skidjar ta' vetturi li jkunu qed jagħmlu użu minnha.

**2.11** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li d-deċiżjoni meħudha fil-laqgħa tal-Kunsill li saret fit-23 ta' Mejju 2011 fejn matula ġie deċiż, li fil-prinċipju l-Kunsill kien qed jaqbel li jekk għandu jeħel reklam, dan għandu jkun mal-ġenb tal-Latrina Pubblika, kif mitlub f'wieħed mill-proposti ta' *The Point*, kienet għada mhux konkluża.

Il-Viċi-Sindku, nforma li d-ditta li kienet avviċinat lill-Kunsill qabel ma rċieva l-proposta minn *The Point* ma kienitx għada nteressata u għalhekk, il-Kunsill seta' jikkonkludi din il-materja.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef, li għandha tintlaqa t-talba ta' din id-ditta sakemm ikollha l-permessi kollha meħtieġa mill-Awtoritajiet kompetenti partikularment mill-*MEPA.*

**2.12** Il-Viċi-Sindku talab sabiex il-*billboard* li hemm fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa mingħajr permess, jitneħħa.

**2.13** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li fis-17 t'Awwissu 2011, kienet bagħtet *e-mail* lill-membri kollha tal-Kunsill dwar l-emendi proposti għall-*General Conditions* tas-Sejħiet Għall-Offerti li jridu jiġu ppubblikati fir-rispett tal-kuntratti skaduti skont deċiżjoni meħuda waqt il-laqgħa tal-Kunsill, li saret fil-21 ta' Ġunju 2011. Hi kompliet tgħid, li l-Kunsill ried jiddeċiedi dwar l-i*Specific Conditions* sabiex dawn, flimkien mal-*General Conditions* iridu jkunu approvati mill-Kunsill u nkorporati f'dokument wieħed għall-pubblikazzjoni.

**2.14** B'eżitu ta' deċiżjoni meħuda fil-laqgħa tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2011, dwar talba għall-approvazzjoni ta' ingaġar ta' *full timer* ieħor mal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv kienet issottomettiet talba lid-direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fl-1 t'Awwissu 2011, iżda sa dak inhar tal-laqgħa kienet għada ma rċevitex ebda risposta.

**2.15** B'eżitu ta' deċiżjoni meħuda fil-laqgħa tal-Kunsill li saret fit-2 t'Awwissu 2011, paġna 6 para 3.9 is-Segretarju Eżekuttiv kienet irċeviet kopja tat-tagħrif u l-kundizzjonijiet li japplikaw għal min jagħmel użu mill-iskema Xogħol fil-Komunita' mill-Korporazzjoni ETC.

**2.16** A bazi ta' nformazzjoni mitluba mill-Kunsillier Anthony Abela, l-Kunsill kien irċieva konferma bil-kitba mill-kuntrattur Steve Rennie Farrugia li jipprovdi s-servizz tal-Knis tat-Toroq fil-lokalita', li dan is-servizz kien qed jiġi provdut permezz ta' erba' kenniesa li jaħdmu mis-6.30 a.m. 'l quddiem sakemm ilestu r-rotta tagħhom u kellu żewġ persuni oħra responsabbli mill-qtugħ tal-ħaxix.

La darba ġie msemmi t-tindif, il-Kunsillier Malcolm Camilleri ġibed l-attenzjoni għall-fatt, li kemm is-*central strip* tax-Xatt kif ukoll, it-*troughs* li hemm matula, jeħtieġ li jitnaddfu u jinżergħu mill-ġdid rispettivament.

**3. Korrispondenza**

**3.1** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-6 ta' Settembru 2011 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom:

**3.3** ittra datata 4 t'Awwissu 2011, mibgħuta mid-ditta *Kentucky Operations Ltd* għall-permess ta' *free standing sign* fuq il-bankina quddiem l-istabbiliment kummerċjali tagħhom *KFC* Triq ix-xatt Gżira.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li din it-talba ma tistax tintlaqa' minħabb li tostakola l-bankina.

**3.4** Notifikazzjoni miċ-Ċentru Malti ta' l-Arbitraġġ dwar seduta li ser tinżamm it-Tlieta 11 t'Ottubru 2011, - Arbitraġġ Nru: M1999/2009.

Il-Kunsill qabel unanimament li din in-notifika għandha tintbagħat għall-attenzjoni ta' l-Avukat tal-Kunsill.

**3.5** Tressqet kwotazzjoni mid-Dipartiment tas-Servizzi u Manifattura għalll-brixx u żebgħa taż-żewġ *Gazebos* li hemm fix-xatt, Gżira. Matul id-diskussjoni li saret ġie notat, li filwaqt li l-ammont kwotat ta' €2,383.60 jaċċedi s-*ceiling* ta' *direct order*, kien jinkludi l-*overtime charges* li jammontaw għall €1,080.00.

Għaldaqstant ġie deċiż unanimament, li la darba x-xhur sajfin għaddew u għalhekk m'hemmx dik l-urġenza biex ix-xogħol isir, nerġgħu nitolbu stima mill-ġdid li tkun teskludi l-*overtime*.

**3.6** A bazi ta' l-*e-mail* mibgħuta lill-membri tal-Kunsill fis-26 t'Awwissu 2011, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter, li għandhom jiġu ordnati żewġ tabelli bl-ismijiet tat-toroq mid-ditta *Bristow Potteries* (id-ditta li kienet responsabbli mill-ismijiet tat-toroq) kif ukoll, li l-kuntratturi li jipprovdu servizz

lil dan il-Kunsill partikularment dak tal-knis u tal-ġbir ta' l-iskart, għandhom jinkludu l-parti tat-Triq Gerry Zammit minn Triq Nazju Ellul sa Triq E.H Furse.

**3.7** A bazi ta' diskussjonijiet u deċiżjonijiet meħuda fil-laqgħat preċedenti, tressqu s-sottomissjonijiet mid-ditti għall-installar ta' diversi *barriers* fil-lokalita'

- Davina Pirotta għan-nom ta' *Frank Salt RealEstate Ltd* – installazzjoni ta' *barrier* fi Triq ix-Xatt faċċata tal-*KFC*

- Franco Naudi għan-nom tad-ditta *Active Media Outdoor Advertising* – installalzzjoni ta' tnax –il *barrier* fi Triq Sliema faċċata ta' *Alfie's Hair Salon* – tmien *barriers* fi Triq ix-Xatt ħdejn iċ-*Chick King* fejn l-istess kumpanija għandha diġa' tmien *barriers* oħra nstallati –għaxar *barriers* fi Triq D'Argens k/ma' Triq Msida faċċata tax-*showroom* ta' *Muscat Motors*

- Jessica Muscat għan-nom ta' *MultiSits* – installazzjoni ta' żewġ settijiet ta' *barriers* liema *barriers* huma konvertiti fi *three seating units* u 6 settijiet ta' *barriers* li huma konvertiti f'*five seating units* fil-postijiet segwenti.
  Triq ix-Xatt ħdejn *Belair Real Estate, Bayview Hotel,* k/ma' Triq Reid quddiem *O'Hea Options,* ħdejn il-*pellican lights* quddiem il-*BOV u* faċċata, fuq is-*central strip* quddiem l-*A1 Bar*, fi Triq Sliema faċċata ta' *Alfie's Hair Salon* u fuq il-bankina ħdejn il-*Gazebos*.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament mas-siti kollha proposti mid-ditti hawn fuq imsemmija b'eċċezzjoni għas-sit fi Triq Sliema quddiem *Alfie's Hair Salon* minħabba raġunijiet ta' sigurta' u li l-prezz għal kull *barrier* ikun ta' €116.47 kull waħda kif deċiż u maqbul fil-laqgħat preċedenti. In vista tal-fatt, li uħud mill-*barriers* tal-*Multisits* ser ikunu qed joffru servizz ta' siġġijiet, il-prezz applikabbli għal kull metru kwadru ta' reklamar ikun ta' €116.47. Il-permessi kollha approvati u maħruġa, jkunu validi għal sena u dan sabiex il-Kunsill jissalvagwardja d-dritt tiegħu li permessi ma jerġgħux jiġu mġedda.

**3.8** Approvazzjoni ta' Kwotazzjoni GLC09/2011 – Cleaning of Water Culverts.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill ġie nfurmat li sad-data ta' l-għeluq jiġifieri d-9 ta' Settembru 2011, il-Kunsill kien irċieva żewġ sottomissjonijiet li kienu:

C. Mangion - General Ecological Services Co. Ltd. - €2,468.22
Owen Borg - €3,750.00

Mill-evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni sottomessa u preżentata, l-Kunsill qabel unanimament li ġa la darba l-orħos offerta kienet tissodisfa r-rekwiżiti mitluba mill-Kunsill, ġie maqbul unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-Chairman, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li l-kwotazzjoni għandha tintrebaħ mid-ditta General Ecological Services Co. Ltd.

**3.9.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1** Tressqet l-Iskeda tal-Ħlasijiet minn Nru:2435 sa Nru:2490 (ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2** Il-Viċi-Sindku nforma li meta rappreżentanti mill-Uffiċċju tal-Perit flimkien ma' rappreżentanti ta' Polidano Bros Ltd fil-preżenza tiegħu kienu qed ikejlu x-xogħlijiet tal-bankini lesti, hu talab li l-parti tal-bankina fi Triq Ponsonby fejn żviluppaw qsim fil-wiċċ tagħha, m'għandhomx jiġu nklużi u l-Perit għamel *retention* ta' €515.17

**4.3** Wara diskussjoni qasira, l-iskeda tal-ħlasijiet minn Nru: 2435 sa Nru: 2490 ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef.

## 5. Diskussjoni u Approvazzjoni tar-risposta tal-*Management Letter*

**5.1** Il-Kunsill ġie nfurmat, li kopji kemm tal-*Management Letter* kif ukoll, tad-*draft reply*, kienu ntbagħtu għall-attenzjoni ta' kulħadd sabiex sal-laqgħa setgħu jintbagħtu u jew jiġu preżentati emendi għar-risposta kif fil-fatt, kien għamel il-Kunsillier Ian Micallef.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef li dan ta' l-aħħar għandu jemenda d-*draft reply* bil-proposti tiegħu u tiġi ċirkulata lill-membri tal-Kunsill għall-attenzjoni u l-approvazzjoni tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li skont *Memo 106/2010*, il-Kunsill huwa obbligat li jissottometti r-risposta għall-*Management Letter* fi żmien sitt ġimgħat.

## 6. Diskussjoni dwar id-Dar ta' l-Anzjani – ix-Xatt Gżira

**6.1** Iċ-*Chairman* informa li d-dar ta' l-Anzjani fi Triq ix-Xatt, kienet ser tagħlaq sat-12 ta' Frar 2012 u r-residenti kienu ser jiġu trasferiti fl-isptar *Zammit Clapp* filwaqt li l-ħaddiema kienu ser jintbagħtu f'diversi postijiet oħra. Huwa kompla jgħid, li r-residenti ma jixtiequx jiċċaqalqu minn hemm, iżda d-dar għandha bżonn ta' *refurbishing.*

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa mal-Ministeru Għas-Saħħa sabiex ikun jaf xi programm għandu l-Gvern filwaqt li l-Viċi-Sindku żied jgħid, li fl-lokalitajiet oħra bħal per eżempju San Giljan, il-Gvern Ċentrali għadda fondi lill-Kunsill sabiex jagħmel Dar ta' l-Anzjani.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir laqgħa ma' l-Onor Dott Joe Cassar, Ministru, l-Anzjani u Kura fil-Komunita' sabiex tiġi diskussa din il-materja aktar fid-dettal. Il-laqgħa għandha tinżamm sat-28 ta' Settembru 2011.

## 7. Diskussjoni dwar Tiżjin tat-toroq għalll-festi tal-Milied

**7.1** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, li tinħareġ kwotazzjoni bħal tas-sena ta' qabel iżda tiżdied Triq Manoel de Vilhena mix-Xatt sa Triq D'Argens u jkun hemm inkluż fl-istess kwotazzjoni, li min jirbaħa jkun responsabbli mill-armar u żarmar ta' presepju fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa.

In vista ta' l-aħħar punt, il-Kunsill għandu jitlob l-*enforcement* minn naħa tal-*MEPA* sabiex jitneħħa l-*billboard* li sa fejn hu nfurmat dan il-Kunsill, m'għandux permess.

## 8. Diskussjoni dwar l-Ikla ta' nhar il-Milied għal min hu waħdu

**8.1** Iċ-*Chairman* qal, li l-ikla ta' nhar il-Milied għal min hu waħdu, kienet ser terġa' ssir pero' mhux fl-*Activities Centre* iżda fl-*Orpheum Theatre* (li kien ser jingħata mingħajr ħlas) minħabba raġuni ta' aktar spazju. Huwa kompla jgħid, li għalkemm l-ikel, ix-xorb u t-trasport kien ingħata mingħajr ħlas mingħand diversi ħwienet tal-lokalita,' kien qed jitlob li jiġi allokat *budget* ta' massimu ta' €500. Bħas-sena preċedenti, l-familja tiegħu kienet ser terġa' tieħu ħsieb torganizza din l-attivita' madanakollu, in vista tax-xogħol li attivita' simili tirrikjedi, talab biex min ikun disponibbli joffri l-għajnuna tiegħu.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri man-nefqa hawn fuq imsemmija.

## 9. *Update ta' Tenders GLC002/2010 – Mixed Household Waste – GLC003/2010 Public Private Partnership*

### 9.1 *Tender GLC002/2010*

Il-Kunsill ġie nfurmat li fir-rispett tat-*tender* sopracitat ma kien hemm ebda żvilupp.

**9.2 *GLC003/2010 Public Private Partnership***

Ix-xogħol fit-Toroq Sir Patrick Stuart u Sir Frederick C Ponsonby kien miexi b'ritmu tajjeb iżda ma kienet intbagħtet ebda risposta għall-ittra li kienet intbagħtet lil Onor Chris Said fit-12 ta' Lulju 2011.

Għallhekk, il-Kunsill iddeċieda unanimament li għandha tintbagħat *reminder*.

**10. Ħatra ta' *ad hoc committee* għall-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet tas-Sejħa għall-Offerti *GLC006/2011 – Upgrading of Kerbs and Pavements in Zone 1 – The Strand and Town Centre***

**10.1** Il-Kunsill iddeċieda unanimament, li l-Kumitat *ad hoc* għandu jkun kompost mis-Sindku li jippresedi l-laqgħa ta' aġġudikazzjoni, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Malcolm Camilleri.

Għall-mistoqsija taċ-*Chairman* jekk it-talba tal-Kunsill li temenda l-klawżola li minflok *paving blocks* il-bankini isiru bil-*concrete paving* mill-*U.I.F.* kienitx ġiet milqugħa, l-Kunsillier Ian Micallef qal, li fl-opinjoni tiegħu x-Xatt għandu jsir b'materjal aktar superjuri bħalma sar per eżempju riċentament fil-*promenade* ta' San Pawl il-Baħar.

Iċ-*Chairman* qal, li f'dan l-istadju ma kienx possibbli minħabba l-approvazzjonijiet maħruġa mill-*U.I.F.* kif ukoll żied jgħid, li l-Kunsill kien diġa infurmat b'dan il-proġett.

Il-Kunsillier Ian Micallef ikkonferma dak li qal is-Sindku, madanakollu żied jgħid, li qatt ma tressqu għad-diskussjoni, d-dettalji ta' dan il-proġett għaliex hu kien tal-fehma li l-pavimentar jagħti dehera isbaħ.

**11. Diskussjoni u approvazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' xiri ta' *Circular Litter Bins***

**11.1** Il-Viċi-Sindku talab lill-Kunsill sabiex tinħareġ Sejħa għall-Offerti għas-suġġett sopracitat minħabba l-fatt, li minn informazzjoni miġbura jidher li dawn it-tipi ta' *litter bins* kienu addattati u bi prezzijiet raġunevoli.

Għall-kumment tal-Kunsillier Ian Micallef, li l-kwotazzjoni għandha tinkludi wkoll, *litter bins* għas-separazzjoni ta' l-iskart, il-Viċi-Sindku wieġeb, li dawn skont il-kuntratt iffirmat mad-*ditta Green MT,* għandhom jiġu provduti minnhom.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li tinħareġ din il-kwotazzjoni.

**11.2** Il-Kunsillier Victor Rutter telaq fit-8.00 p.m. minħabba mpenn ieħor.

## 12. Affarijiet Oħra

**12.1** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li jinħatar il-Perit Chris Grech sabiex jiġi evalwat is-sit li d-ditta *Savoy Gardens* kienet ser tgħaddi fi stat *finished* lill-Kunsill u dan minħabba l-fatt, li l-Perit Luduvigo Micallef li kien inħatar waqt il-laqgħa Klg5/54 tal-Kunsill li saret fit-18 t'April 2011, qatt ma żamm ma' l-appuntamenti li kienu mogħtija lilu miċ-*Chairman*.

Għaldaqstant, iċ-*Chairman* kellu jagħmel kuntatt mal-Perit Chris Grech.

## 13. Laqgħa Oħra

**13.1** Iċ-*Chairman* informa li fid-29 u t-30 ta' Settembru, bejn l-4 u l-10 t'Ottubru u bejn it-13 u 19 t'Ottubru 2011, ma kienx ser ikun disponibbli minħabba mpenn ta' safar filwaqt, li l-Kunsillier Ian Micallef ma kienx ser ikun disponibbli bejn 17 u l-21 t'Ottubru 2011, għall-istess raġuni.

Għalhekk, il-laqgħa ġiet aġġornata għall-11 jew 12 t'Ottubru 2011. Id-data preċiża tingħata aktar 'l quddiem.

Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.15 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: u. **Klg5/62**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 21.06.2011 sal-15.09.2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Squire Bookshop | €48.20 | €48.20 | D | Newspapers - July 2011 | 31.07.11 | 08842 | 2435 | | 39043252002 | |
| 2 | Alfred Portelli | €745.42 | €745.42 | T | C/M fee July - August - September 2011 | 01/09/11 | | 2436 | | | |
| 3 | Best Wishes | €51.75 | €51.75 | D | Stationery | 02.08.11 | 2397737 | 2437 | | | |
| 4 | Venture Trading | €17.98 | €17.98 | D | VGA Cables | 10.08.2011 | 017251 | 2438 | | | |
| 5 | C.S.D. Office Trade | €52.75 | €52.75 | D | A4 copy paper | 29.07.2011 | 35721 | 2439 | | | |
| 6 | Wise Owl Publications | €200.98 | €200.98 | D | Books for Library | 26.07.2011 | 1258B | 2440 | | | |
| 7 | S.Rausi Trading Ltd | €18.00 | €18.00 | D | Drinking Water | 02.08.2011 | 21085316 | 2441 | | | |
| 8 | S.Rausi Trading Ltd | €17.98 | €17.98 | D | Drinking Water | 26.08.2011 | 21086097 | 2441 | | | |
| 9 | Maltapost plc | €122.40 | €122.40 | D | Distribution of mail re Computer Course | 03.08.2011 | LC03 | 2442 | | | |
| 10 | Environmental L/Scapes | €2,212.92 | €2,212.92 | T | Maint of Soft Areas - July 2011 | 31.07.2011 | 007561 | 2443 | | | |
| | G4S Security Serv. Malta Ltd | €60.88 | €60.88 | D | Cash In Transit - July 2011 | 31.07.2011 | GS003116 | 2444 | | | |
| 12 | Joe Bonnici & Sons | €282.61 | €282.61 | K | Hire of 2 Mobile Toilets 08.07.-31.07.11 | 08.08.2011 | 6055 | 2445 | | | |
| 13 | J.F. Mallia Ltd | €137.80 | €137.80 | D | Floodlight Public Convenience | 12.08.2011 | 615 | 2446 | | | |
| 14 | J.F. Mallia Ltd | €329.49 | €329.49 | D | Job No: 199-200-201 Street Light | 12.08.2011 | 612 | 2447 | | | |
| 15 | Alfa Co. Ltd | €161.57 | €161.57 | D | Rentals & photocopies 13.6.-12.7.2011 - 1.7-31.7.2011 | 29.07.2011 | 73617 | 2448 | | | |
| 16 | GO plc | €94.44 | €94.44 | D | Tel 322157- Calls July Rent August 2011 | 10.08.2011 | 26353210 | 2449 | | | |
| 17 | GO plc | €22.83 | €22.83 | D | Tel 341616 Calla July Rent August 2011 | 10.08.2011 | 26352645 | 2450 | | | |
| 18 | GO plc | €78.71 | €78.31 | D | Tel:334254/341034 Calls July Rent August 2011 | 10.08.2011 | 26352641 | 2451 | | | |
| 19 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | Cleaning Services - July 2011 | 05.08.2011 | 11/2083 | 2452 | | | |
| 20 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | Cleaning Services on Sundays - July 2011 | 05.08.2011 | 11/2084 | 2453 | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | | **€9,623.68** |
| **Total** | | **€9,623.68** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** **Skeda Nru. Klg5/62**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 21.06.2011 sal-15.09.2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | David Grasso | €422.00 | €422.00 | D | | Summer Music Nights 28/7 -4-11-18/08 & 60's Night | 19.08.2011 | 9315 | 2454 | | 39043252002 | |
| 22 | Dr. Edward Woods | €494.76 | €494.76 | T | | Legal Advisor - July-Aug-Sept. 2011 | 01/09/11 | | 2455 | | | |
| 23 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | K | | Craft Lessons - August 2011 | 31.08.2011 | 22 | 2456 | | | |
| 24 | Intercomp | €672.60 | €672.60 | K | | 3 Monitors for Administrative Office | 22.08.2011 | T139133 | 2457 | | | |
| 25 | Squire Bookshop | €45.55 | €45.55 | D | | Newspapers - August 2011 | 31.08.11 | 8884 | 2458 | | | |
| 26 | Borg Hardware Store | €31.32 | €31.32 | D | | Ironmongery - Plastering of Gazebos | 18.08.2011 | 108 | 2459 | | | |
| 27 | Borg Hardware Store | €2.75 | €2.75 | D | | Washing of Gazebos | 1.09.2011 | 109 | 2459 | | | |
| 28 | Stardelta | €23.80 | €23.80 | D | | Washing of Gazebos | 12.08.2011 | 5867815 | 2460 | | 39043252002 | |
| 29 | The Toolbox | €8.25 | €8.25 | D | | Various - ironmongery | 22.07.2011 | 10475 | 2461 | | 39043252002 | |
| 30 | The Toolbox | €4.72 | €4.72 | D | | Cardboard - Office | 11.08.2011 | 10515 | 2461 | | 39043252002 | |
| 31 | The Toolbox | €13.84 | €13.84 | D | | Plastering of Gazebos | 23.08.2011 | 10530 | 2461 | | 39043252002 | |
| 32 | The Toolbox | €9.00 | €9.00 | D | | Repair of Benches | 26.08.2011 | 10538 | 2461 | | 39043252002 | |
| 33 | E.L.C. | €2,212.92 | €2,212.92 | T | | Maint of Soft Areas - August 2011 | 31.08.2011 | 7727 | 2462 | | 39043252002 | |
| 34 | ARMS LTD | €1,123.19 | €1,123.19 | D | | Gżira Gardens 25.02.11 - 21.06.2011 | 25.08.2011 | 14029920 | 2463 | | 39043252002 | |
| 35 | ARMS LTD | €360.33 | €360.33 | D | | Promenade Gardens - 25.02.11 - 21.06.2011 | 25.08.2011 | 14029921 | 2464 | | 39043252002 | |
| 36 | Polidano Bros | €25,000.00 | €17,516.32 | T | | on a/c PPP Stuart & Ponsonby | 31.08.2011 | 1051 | 2465 | | | |
| 37 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €571.48 | €571.48 | T | | Job No: 10749 R/Markings | 09.08.2011 | 15153 | 2466 | | | |
| 38 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €13.47 | €13.47 | T | | Job No: 10750 - Road Markings | 09.08.2011 | 15154 | 2467 | | 39043252002 | |
| 39 | Joe Bugeja & Assoc | €28.99 | €28.99 | T | | C/M fee J&K Contrac - inv.1163-11 | 21.06.2011 | 734 | 2468 | | 39043252002 | |
| 40 | Joe Bugeja & Assoc | €8.63 | €8.63 | T | | C/M fee J&K Contrac - inv.1166-11 | 21.06.2011 | 734 | 2468 | | 39043252002 | |
| | **Sub Total c/f** | **€31,422.60** | **€23,938.92** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€9,623.68** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€31,422.60** | **€33,562.60** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 21.06.2011 sal-15.09.2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Joe Bugeja & Associates | €19.08 | €19.08 | T | | C/M fee J&K Contrac - inv 1162-11 | 21.06.2011 | 734 | 2468 | | 39043252002 | |
| 42 | Joe Bugeja & Associates | €37.62 | €37.62 | T | | C/M fee J&K Contrac - inv 1711-11 | 21.06.2011 | 734 | 2468 | | | |
| 43 | Melita plc | €239.08 | €239.08 | D | | Hello Service & Usage 08.08 - 07.09.2011 | 08.08.2011 | 30883817 | 2469 | | | |
| 44 | Union Print | €55.13 | €55.13 | D | | Advert Tender GLC06/2011 | 30.06.2011 | A1005325 | 2470 | | | |
| 45 | JCA Ltd | €1,734.60 | €1,734.60 | T | | Accountancy Service January - July 2011 | 08.08.2011 | 90 | 2471 | | | |
| 46 | Emanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | | Door to Door Collection - August 2011 | 31.08.2011 | 90 | 2472 | | | |
| 47 | Emanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | | Skip Hire August 2011 | 31.08.2011 | 91 | 2473 | | | |
| 48 | Emanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | | Public Convenience - August 2011 | 31.08.2011 | 92 | 2474 | | | |
| 49 | Emanuel Mifsud | €996.27 | €996.27 | T | | Bulky Refuse - July - 182 calls | 31.08.2011 | 93 | 2475 | | | |
| 50 | Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | | Duck Food - August 2011 | 31.08.2011 | 28 | 2476 | | | |
| 51 | Joe Bonnici & Sons | €329.22 | €329.22 | K | | Hire of Mobile Toilets - August 2011 | 31.08.2011 | 6109 | 2477 | | | |
| 52 | Calleja Ltd | €420.00 | €420.00 | D | | 6 globes - Ix-Xatt | 02.09.2011 | 220748 | 2478 | | | |
| 53 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €3,284.00 | D | | Allocated MSW Waste - July 2011 | 16.08.2011 | 11860 | 2479 | | | |
| 54 | Gżira United Football Club | €8,000.00 | €8,000.00 | F | | 01.09.2011 - 31.08.2012 - Contract Training Ground | 01.09.2011 | | 2480 | | | |
| 55 | David Grasso | €186.00 | €186.00 | D | | S/Music Nights 24/08 & 01/09/2011 | 09.09.11 | 9316 | 2481 | | | |
| 56 | G4S Security Serv. | €68.49 | €68.49 | D | | Cash in Transit August 2011 | 31.08.11 | GS003341 | 2482 | | | |
| 57 | C.S.D. Office Trade | €35.16 | €35.16 | D | | Stationery A4 Copy Paper | 06.09.11 | 36069 | 2483 | | | |
| 58 | M.Quip Co. Ltd | €340.00 | €340.00 | D | | Repairs & 2 seats for See Saw | 05.09.11 | 23080 | 2484 | | | |
| 59 | UniKing International | €367.82 | €367.82 | D | | Speed Moderator Manoel de Vilhena | 07.09.11 | D1025 | 2485 | | | |
| 60 | Longbow Ltd | €75.52 | €75.52 | D | | Litter Bin Bags for the Strand | 12.09.11 | 98254 | 2486 | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€23,874.40** | **€23,094.01** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€31,422.60** | **€33,562.60** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€55,297.00** | **€56,656.61** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** **Skeda Nru. Klg5/62**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 21.06.2011 sal-15.09.2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €161.50 | €161.50 | T | | Traffic Signs Job No: 8966 | 04.08.2011 | 15190 | 2487 | | 39043252002 | |
| 62 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €38.14 | €38.14 | T | | Traffic Signs Job No: 8999 | 19.08.2011 | 15223 | 2488 | | | |
| 63 | Standard Publications Ltd | €59.47 | €59.47 | D | | Quote GLC09/2011 Culvert Cleaning | 01.09.2011 | SPL008534 | 2489 | | | |
| 64 | Dept of Information | €9.32 | €9.32 | D | | Quote GLC09/2011 Culvert Cleaning | 01.09.2011 | R00024519 | 2490 | | | 7294 |
| 65 | | | | | | | | | | | | |
| 66 | | | | | | | | | | | | |
| 67 | | | | | | | | | | | | |
| 68 | | | | | | | | | | | | |
| 69 | | | | | | | | | | | | |
| 70 | | | | | | | | | | | | |
| 71 | | | | | | | | | | | | |
| 72 | | | | | | | | | | | | |
| 73 | | | | | | | | | | | | |
| 74 | | | | | | | | | | | | |
| 75 | | | | | | | | | | | | |
| 76 | | | | | | | | | | | | |
| 77 | | | | | | | | | | | | |
| 78 | | | | | | | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€268.43** | **€268.43** |
| **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€56,656.61** |
| **Total** | **€268.43** | **€56,925.04** |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier